

Azzjoni mressqa fit-22 ta' Ġunju 2009 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Prinċipat ta' Liechtenstein**(Kawża E-7/09)**

(2009/C 208/06)

Fit-22 ta' Ġunju 2009, tressqet azzjoni kontra l-Prinċipat ta' Liechtenstein quddiem il-Qorti tal-EFTA mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irappreżentata minn Björnar Alterskjær u Ólafur Jóhannes Einarsson, li kienu qegħdin jaġixxu ta' Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35, Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA qed titlob lill-Qorti tal-EFTA tiddikjara li:

1. Billi naqas li jadotta l-miżuri neċċessarji biex jiġi implementat l-Att imsemmi fil-punt 10e tal-Anness XXII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (*Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata Test b'rilevanza għaż-ŻEE*), kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE minn Protokoll 1 tiegħu, jew javża lill-Awtorità b'dan, fiż-żmien preskritt, il-Prinċipat ta' Liechtenstein naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 19 tal-Att u skont l-Artikolu 7 taż-ŻEE;

u kif ukoll

2. Tordna lill-Prinċipat ta' Liechtenstein iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti.

Sfond legali u fattwali u eċċezzjonijiet migħjuba bħala sostenn:

- Il-każ preżenti jikkonċerna n-nuqqas ta' implementazzjoni ta' direttiva dwar l-amalgamazzjonijiet transkonfinali ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata,
 - L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ssostni li l-Prinċipat ta' Liechtenstein ma pprovda l-ebda indikazzjoni li d-direttiva ġiet implementata fil-liġi ta' Liechtenstein,
 - L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ssostni li l-Prinċipat ta' Liechtenstein ma kkontestax il-fatt li ma implementax id-direttiva.
-